

Brussell, 29 ta' Settembru 2023  
(OR. en, lv, pl, sk)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0218(COD)

---

---

13188/23  
ADD 1 REV 2

CODEC 1631  
ENER 502  
CLIMA 409  
CONSOM 322  
TRANS 363  
AGRI 525  
IND 481  
ENV 1009  
COMPET 896

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

---

**Dikjarazzjoni mill-Belġju**

Il-Belġju jirrikonoxxi l-ħtieġa li titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija u li jiġu eliminati gradwalment il-fjuwils fossili fl-isforzi tagħna biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Belġju ser jappoġġa l-adozzjoni iżda jixtieq jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-isfidi li jirriżultaw miż-żieda fil-miri tal-enerġija rinnovabbli li jinsabu f'din it-tielet Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Limitazzjonijiet demografiċi u ġeografiċi serji, flimkien mal-preżenza ta' gruppi kbar ta' industriji intensivi fl-enerġija, jimplikaw li l-kontributi nazzjonali mistennija skont il-formula msemmija fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/1999 huma estremament diffiċli biex jinkisbu u jidhru li ma jistgħux jinkisbu,

b'mod partikolari f'perjodu ta' seba' snin biss. L-istess jgħodd għas-sottomiri settorjali vinkolanti (fir-rigward tal-RFNBO fl-industrija, it-trasport u t-tiġin u t-tkessiġ), li ma jidhrux li huma koerenti ma' kisba kosteffettiva tal-miri klimatiċi tagħna. Minkejja dawn l-isfidi, il-Belġju ser ikompli jwettaq kontributi kostruttivi għall-mira Ewropea.

### **Dikjarazzjoni mill-Irlanda**

L-Irlanda tilqa' l-qbil dwar l-aġġornament tat-test tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u tirrikonoxxi l-ħtieġa li tkun ambizzjuża fil-miri tal-enerġija rinnovabbli għall-2030. Il-kisba ta' miri ambizzjużi f'perjodu ta' żmien relattivament qasir ser tirrikjedi sforz bla preċedent minn kulħadd fis-soċjetà, u huwa kruċjali li nġibu lil kulħadd magħna f'dak il-vjaġġ.

L-Irlanda hija tal-fehma li n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-implikazzjonijiet kollha taż-żidiet sinifikanti għall-miri tal-enerġija rinnovabbli – bħat-tħaddim attwali tal-miri interim skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika - ser ikun kontroproduktiv.

In-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-implikazzjonijiet iġib miegħu r-riskju li jimmina l-appoġġ meħtieġ għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli, meta l-fondi pubbliċi jiġu ddevjati mill-investiment meħtieġ fis-sistemi tal-enerġija tal-Istati Membri, minkejja li diġà sar progress u investiment sinifikanti u b'ħafna aktar impenn.

Il-mira tal-enerġija rinnovabbli għall-2030 fit-test finali tmur lil hinn minn dak li kien propost oriġinarjament bħala parti mill-Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". L-impatt tal-mira miżjuda tal-enerġija rinnovabbli, u kwalunkwe konsegwenza mhux intenzjonata, jista' ma jsirx kompletament evidenti sakemm l-Istati Membri jkunu lestew aġġornamenti għall-abbozzi tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħhom.

Ir-Regolament dwar il-Governanza jipprevedi rieżami b'reazzjoni għal rendikont globali tal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015. L-Irlanda temmen li tali rieżami tar-Regolament dwar il-Governanza jkun żmien opportun biex jiġi rieżaminat ukoll l-operat tal-miri interim u l-mekkaniżmi ta' konformità disponibbli għall-Istati Membri. Tali rieżami jista' jingħata informazzjoni mill-analiżi li tinsab fl-abbozz aġġornat tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima ppreżentati mill-Istati Membri.

## Dikjarazzjoni mil-Latvja

Ir-Repubblika tal-Latvja tenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati sorsi tal-enerġija rinnovabbli sabiex tissaħħa is-sigurtà u l-indipendenza tal-enerġija, tiġi żgurata l-istabbiltà tal-prezzijiet, jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u jinkisbu l-oġettivi klimatiċi tal-Unjoni Ewropea.

Il-Latvja tappoġġa l-proposta għal Direttiva dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u b'mod partikolari l-ftehim milħuq dwar elementi ewlenin tal-proposta, bħal miri settorjali, is-settur tat-tiżnin u l-bijoenerġija.

Il-Latvja ser tagħmel minn kollox biex timplimenta l-miżuri kollha meħtieġa biex iżżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport, u ser taħdem biex iżżid il-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli sabiex toħloq il-kapaċitajiet meħtieġa għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli fil-Latvja. Madankollu, il-Latvja tqis li l-ftehim dwar l-oġettivi u l-obbligi stipulati fl-Artikolu 25 dwar l-enerġija rinnovabbli, u b'mod partikolari l-użu tal-idroġenu fit-trasport, huwa lil hinn mill-kapaċità tal-Latvja li timplimenta u tikseb, b'kont meħud tas-sitwazzjoni nazzjonali tal-Latvja.

Il-Latvja tqis li huwa importanti jittieħed kont tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali, il-bilanċi nazzjonali tal-enerġija u l-punti tat-tluq tal-pajjiż meta jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għall-miżuri ta' promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

## Dikjarazzjoni mill-Polonja

Il-Polonja hija waħda mis-swieq tal-enerġija rinnovabbli li l-aktar qed jikbru malajr fl-Ewropa. Fis-snin reċenti, il-kapaċità taġhna tal-enerġija rinnovabbli żdiedet b'mod esponenzjali, speċjalment fis-settur solari, grazzi għall-appoġġ tal-gvern u l-involvement pubbliku. Biex inżidu l-iżvilupp tal-enerġija nadifa, ħloqna qafas legali stabbli u stabbilejna skemi ta' appoġġ adatti. Is-simplifikazzjoni u t-tħaffif tal-permessi huma elementi tal-proposta li għandhom jintlaqgħu, iżda mhumiex biżżejjed biex jiżguraw li l-oġġettivi taġhha jintlaħqu. L-introduzzjoni rapida ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fuq l-iskala proposta fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED) emendata, u t-tkabbir fis-sehem tas-sorsi tal-enerġija li jiddependu mit-temp fil-produzzjoni tal-enerġija jipperikolaw kemm l-istabbiltà tal-grilja kif ukoll is-sigurtà tal-enerġija b'mod ġenerali. Il-Polonja enfasizzat b'mod kostanti l-ħtieġa li t-tranżizzjoni tal-enerġija issir b'pass li jista' jintlaħaq għas-sistema tal-enerġija, aċċessibbli għas-soċjetà u li jiffavorixxi l-industrija Ewropea. Il-miri jridu jkunu realistiċi u jippermettu l-flessibbiltà lill-Istati Membri meta jagħżlu l-għodod adatti għall-implimentazzjoni taġhom.

Barra minn hekk, minħabba l-impatt tal-abbozz ta' Regolament fuq it-taħlita tal-enerġija tal-Istati Membri u l-konsegwenzi soċjali negattivi li jirriżultaw, fil-fehma tal-Polonja, il-bażi legali għall-att propost jenħtieġ li tkun l-Artikolu 192(2), il-punt (c) TFUE.

Il-Polonja ma tistax, għalhekk, tappoġġa d-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli proposta.

Il-Polonja wkoll iżżomm il-pożizzjoni negattiva taġhha dwar il-pakkett kollu "lesti għall-mira ta' 55 %", li jistabbilixxi miri u ambizzjonijiet mhux realistiċi u jolqot b'mod sinifikanti it-taħlit tal-enerġija tal-Istati Membri. Il-Polonja hija tal-opinjoni li l-bieċa l-kbira tal-pakkett qed jitwettaq fuq bażi legali żbaljata u b'hekk qed jinholq preċedent perikoluż.

## **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakka**

Is-Slovakkja tqis il-mira globali għall-użu tal-enerġija rinnovabbli għall-UE għall-2030 ambizzjuża ħafna u diffiċli ħafna li tinkiseb. Fir-rigward tat-taħlita tal-enerġija nazzjonali u l-iżvilupp tagħha, ir-Repubblika Slovakka ma tarax possibbiltà reali għal kwalunkwe żieda sinifikanti fl-ambizzjoni tagħha f'dan il-qasam u tenfasizza li kwalunkwe kontribut addizzjonali għall-miri għall-użu tal-enerġija rinnovabbli kkalkulat abbażi tal-formula mhux vinkolanti stabbilita fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/1999 ma jqisx il-fatturi kollha rilevanti fil-livell nazzjonali u għalhekk mhux bilfors jirrifletti l-potenzjal reali għall-iżvilupp tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-pajjiż.

Għalkemm inqisu l-miri ambizzjużi tat-trasport u t-tiżin diffiċli li jinkisbu u li hemm riskju li ma jintlaħqux, ir-Repubblika Slovakka ser taħdem biex tiksibhom billi tistabilixxi miri u miżuri fil-pjan nazzjonali tagħha għall-enerġija u l-klima.

Aħna għandna wkoll riżerva dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-idroġenu minn sorsi b'livell baxx ta' karbonju, li hija kwistjoni ewlenija għas-Slovakkja u li ma ġietx indirizzata b'mod sodisfaċenti fid-Direttiva.

## **Dikjarazzjoni f'isem il-Kummissjoni dwar l-Artikolu 22a u l-Artikolu 22b**

L-Artikolu 22 a tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, flimkien mal-Artikolu 22b, ser jixprunaw is-sostituzzjoni meħtieġa tal-fjuwils fossili użati bħala materja prima fl-industrija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fi proċessi industrijali li diffiċli jiġu elettrifikati.

Fid-dawl tan-novità tal-mira u tal-istadju bikri tat-tranżizzjoni lejn is-suq tal-idroġenu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li biex tinkiseb il-mira, mill-inqas sal-2030, ser ikunu meħtieġa sforzi importanti mill-Istati Membri u investimenti sinifikanti minn partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-ilħuq tal-mira prevista fl-Artikolu 22a, il-ħames subparagrafu, flimkien ukoll mal-Artikolu 22b, f'ċerti każijiet, ser jinvolvi kostijiet għoljin ta' adattament tal-impjanti li jeħtieġu modifika retroattiva tal-proċessi tagħhom. Dan huwa l-każ ta' ċerti impjanti tal-produzzjoni tal-ammonijaka li jeħtieġu investiment sinifikanti fil-livell tal-proċess tal-produzzjoni biex jissostitwixxu l-użu tal-idroġenu prodott mir-riformar tal-metan bl-istim. Għalhekk, fil-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 22a, il-ħames subparagrafu, u l-Artikolu 22b, l-ewwel paragrafu, il-punt b, il-Kummissjoni, fuq bażi ta' każ b'każ u meta debitament ġustifikat, mhux ser tqis dawn l-impjanti eżistenti filwaqt li jitqies jekk ġewx amortizzati kompletament u jekk tkunx ittieħdet id-deċiżjoni finali ta' investiment għall-modifika retroattiva.

B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-kisba tal-oġġettivi stabbiliti fid-Direttiva, b'mod partikolari l-mira ġenerali tal-enerġija rinnovabbli u l-miri għas-setturi tat-trasport u tal-industrija sejra teħtieġ sforzi importanti mill-Istati Membri u investimenti sinifikanti mill-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati u potenzjalment mill-baġits nazzjonali. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li hemm bżonn li l-Istati Membri jiġu meġħjuna fl-implimentazzjoni ta' dawn l-oġġettivi.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li hemm sorsi oħra ta' enerġija ħielsa mill-fjuwils fossili għajr l-enerġija rinnovabbli li jikkontribwixxu biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050 għall-Istati Membri li jiddeċiedu li jiddependu fuq tali sorsi ta' enerġija.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li l-miri tal-enerġija rinnovabbli għandhom imorru id fid mal-isforzi komplementari ta' dekarbonizzazzjoni abbażi ta' sorsi oħra tal-enerġija ħielsa mill-fjuwils fossili biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi tagħhom u l-istruttura tal-provvista tal-enerġija tagħhom. Sabiex jinkiseb dak l-oġġettiv, il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-enerġija rinnovabbli, fil-qafas tal-mira ġenerali vinkolanti u aktar ambizzjuża tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi integrat fi sforzi ta' dekarbonizzazzjoni komplementari li jinvolvu l-iżvilupp ta' sorsi oħra ta' enerġija ħielsa mill-fjuwils fossili li l-Istati Membri jiddeċiedu li jsegwu.